Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6532/25
PV CONS 7
AGRI 74
PECHE 40

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)

24 ta' Frar 2025

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6151/25 u qabel li l-punt taħt "Affarijiet oħra" rigward il-"Komunikazzjoni dwar Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel" (punt 5 (a)) isir f'seduta pubblika, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-regoli ta' proċedura tal-Kunsill.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

**Lista mhux leġiżlattiva** 6306/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna *Informazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri* *Skambju ta' fehmiet* 6342/25

4. **Implimentazzjoni tal-prinċipju tal-verifika rurali** [2] 5902/25
*Informazzjoni mill-Presidenza*
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tan-nota ta' informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet, u kellu skambju ta' fehmiet.

**Affarijiet oħra**

5. a) **Komunikazzjoni dwar Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel** [2] 6385/25
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet, u tal-mistoqsijiet tagħhom.

b) **Konferenza tal-Ministri għall-Agrikoltura 2025 fil-kuntest tal-Forum Globali għall-Ikel u l-Agrikoltura (Berlin, 18 ta' Jannar 2025)** [2] 6277/25
*Informazzjoni mill-Ġermanja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja dwar ir-riżultati tal-Konferenza tal-Ministri għall-Agrikoltura 2025 fil-kuntest tal-Forum Globali għall-Ikel u l-Agrikoltura, li saret f'Berlin fit-18 ta' Jannar 2025. Ħa nota wkoll tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

c) **Proposti leġiżlattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Regolament dwar il-benessri tal-klieb u l-qtates – Il-ħtieġa li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika tal-klieb tal-kaċċa** [1][C] 6393/25
*Informazzjoni mis-Slovakkja*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja dwar il-benessri tal-klieb u l-ħtieġa li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika tal-klieb tal-kaċċa. Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

---

[1] L-ewwel qari

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)